MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2013

Avviz Numru. 67/2011

**Khaled Shehata ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' KSD Limited C46640**

**Vs**

**RSW Project Services Limited C 38878**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-attur nomine pprezenta rikors fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-tlieta (3) ta' Marzu 2011 fejn talab lil din Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallasu s-somma ta' erbat elef, mija u tnejn u tletin Ewro (€4,132) rapprezentanti il-prezz dovut minnha ghal servizzi rezi mis-socjeta' attrici a favur taghha fuq inkarigu taghha stess, u cioe' servizzi ta' traduzzjonijiet (Translation Services) u liema prezz ghadu sa illum ma thallasx. Annessa mar-rikors hemm fattura lilha mibghuta u mmarkata bhala Dokument A.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta’ konvenuta li hija ngunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta tas-socjeta’ konvenuta li giet prezentata fis-27 ta’ April 2011 fejn eccepiet:

I. ‘*Preliminarjament il-preskrizzjoni tal-azzjoni odjerna ai termini tal-Artikolu 2148 (a) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.*
*2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghal permess is-socjeta’ intimata ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante nuqqas ta’ relazzjoni guridika bejn il-kontendenti fuq il-mertu tal-kaz in ezami u dana in vista tal-fatt li s-servizz li allegatament gie esegwit mis-socjeta’ attrici u minnha indikat fid-Dok A kien inghata lis-socjeta’ terza u mhux lis-socjeta’ intimata.*
*3. Illi s-socjeta’ intimata tinsab aggornata in toto dwar hlasijiet minnha dovuti lis-socjeta’ rikorrenti ghax-xoghol debitament esegwit mis-socjeta’ rikorrenti fuq inakrigu u a beneficcju ta’ l-istess socjeta’ intimata u dana kif ser jigi pruvat ahjar waqt is-smiegh ta’ din il-kawza.*
*4. B’riserva li jigu prezentati risposti ulterjuri jekk ikun il-kaz.*

*Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici li minn issa ingunta in subizzjoni.’*

Illi nhar l-24 ta’ Mejju, 2011 xehed **Khaled Shehata** u spjega illi huwa jokkupa il-kariga ta’ Direttur mas-socjeta’ KSG Ltd. Qal li is-socjeta’ tieghu kienet toffri servizz ta’ *translations* kif jirrizulta mid-dokument li pprezenta u li gie mMarcat bhala Dokument CSH. Qal li huwa kellu ftehim mas-socjeta’ konvenuta dwar xi xoghol li kellu jaghmel in konnessjoni mal-Libja u pprezenta l-ftehim li kellu li gie mMarcat bhala Dokument CSH 1.

Fil-fatt qal li kien hemm zewg ftehim, wiehed mieghu u l-iehor mas-socjeta’ KSD. Spjega illi is-socjeta’ KSD kienet ghalqet il-branch taghha gewwa il-Libja ghaliex kellha negozju iehor. Huwa beda jaghti servizz ta *translations* lil RSW u ghamel kuntatti godda. Imbaghad RSW tawh struzzjonijiet li jaghmel business ma’ diversi klijenti li

kellhom *“a non disclosure agreement”* fosthom Clive Morgan.

Huwa pprezenta kopja tal-korrispondenza li kien hemm bejnu u bejn dan Morgan. Qal li kien jahdem bhala assistent mal-*Overseas Operations Manager* u xogholu kien li jaghmel analizi tas-suq Libjan, jgib kuntratti u jkun prezenti waqt l-gheluq ta’ dawn il-kutnratti, jorganizza laqghat u jirranga il-visas necessarji. Tenna li is-socjeta’ RSW mhijiex wahda registrata skond il-Ministeru tal-Kummerc u Finanzi.

Qal li s-socjeta’ ghandha erbgha (4) Diretturi. Tnejn (2) minnhom huma Maltin u tnejn l-ohra huma barranin, waqt li stqarr li Marc Vermette huwa ir-rapprezentant barrani Kanadiz gewwa Malta.

Spjega li kull darba li kien jinkorri xi spiza huwa kien jghamel *scan* tar-ricevuta, izomm kopja taghha u jibghat l-i*scan* lejn il-Kanada, u wara li jgib il-*‘go ahead’* mill-Kanada, huwa jithallas hawn Malta tramite zewg Diretturi li hawn. Huma kienu jiffirmaw il-kont u jiehdu hsieb li johorgu il-*bank draft* relattiv jew jitrasferixxu l-flejjes ghall-kont tieghu. Huwa pprezenta ezempju ta’ dak li spjega li gie mMarcat bhala Dokument CSH 3. Huwa esebixxa specimen ta’ kif kien jithallas u dawn gew mMarcati bhala Dokument CSH 3, CSH 4 u CSH 5.

Huwa esebixxa zewg (2) ricevuti tal-hlasijiet li qed jitlob u dawn gew mMarcati bhal Dokument A. Spjega li kien baghathom il-Kanada kif kien jaghmel fil-passat izda Marc Vermette kuntrarjament ghal dak il ghamel fil-passat ma hallsux taghhom. Qal li dawn l-ispejjez huwa ghamilhom wahda minnhom fis-sena elfejn u disgha (2009) u l-ohra fis-sena elfejn u ghaxra (2010). Qal li Vermette dejjem jghidlu li kien qed jistenna il-flejjes gejjin minn kuntratt li kellu jinghalaq f’Nicaragua u jaf li dak il-kuntratt kien diga’ gie konkluz. In segwitu dan Vermette beda jghidlu li ma kellux awtorita’ sabiex jiffirma hlasijiet li jeccedu l-elfejn u hames mitt eero (€2,500).

Spjega illi huwa kien ghamel *translations* ta' tlettax (13) -il '*curriculum vitae'* ta' nies li kienu qed ifittxu impjieg ma' Melita Oil u Gas Project. Jaf li kien hemm *undisclosure agreement* ma' Marc Vermette. Iddikjara li xogholu kien li jaghmel it-traduzzjoni biss. Huwa esebixxa l-*memorandum of understanding* dwar is-servizz li ta lis-socjeta' RSW fir-rigward ta' *translation*, dan id-dokument gie mMarcat bhala Dokument CSH 5. Huwa ma ghandux kopja ta' dawn it-translations. Spjega li Vermette kien qed japplika ghal xi kuntratt u ghalhekk kellu jibghathom minnufih.

Qal li anke kien gibed ritratti tal-impjegati kollha u ghamlilhom il-'*curriculum vitae'*s u ghamel dan is-ervizz appena kien iffirma il-*memorandum of understanding* imsemmi hawn fuq. Il-pagamenti murija fid-Dokument A gew approvati minn Marc Vermette izda qatt ma hallsu taghhom. Ikkonferma li qabel ma pprezenta ir-rikors odjern ma pprezenta l-ebda att gudizjarju iehor.

**Khaled Shehata** rega' xehed fit-22 ta' Gunju 2011 fejn esebixxa numru ta' e-mails li huma korrispondenza bejnu u bejn Marc Vermette.

**Anna Shehata** mart l-attur Khaled Shehata xehdet nhar il-hmistax (15) ta' Novembru 2011. Ikkonfermat li zewgha cempel lil Marc Vermette bhala rapprezentant tas-socjeta' KSD hawn Malta diversi drabi u dan sabiex ihallsu fuq il-kontijiet pendenti li kellu mieghu. Spjegat li l-ahhar kont kien dwar xogholijiet li saru gewwa il-Libya fuq *translations*. Ikkonfermat li semghet lil Marc Vermette jghid lir-ragel taghha li l-*budget* li kien gie allokat ghar-ragel taghha kien gie uzat fuq affarijiet ohra u ghalhekk kellu bzonn igib il-*'go ahead'* mil-Kanada biex jaghmel il-bilanc dovut. Din it-telefonata saret aktar minn sentejn ilu u effettivament taf li apparti din it-telefonata kien hemm diversi telefonati ohra f'dawn l-ahhar sentejn. Taf li ir-ragel taghha kien icempillu quddiemha u jfakkru biex ihallsu u kull darba Vermette kien jghidlu li kellu bzonn il-'*go ahead'* mill-Kanada ghaliex ma kienx hemm fil-*budget*. Stqarret li hija ma kellhiex x'taqsam fin-negozju tar-ragel taghha li kellu ma' Vermette.

Mohammed Bagdhadi Daboub xehed bil-lingwa Gharbija tradotta ghall-Malti mill-Interpretu nominat mill-Qorti Houto Nazmi Khalil, nhar it-18 ta’ April 2012 fejn iddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta’ Manager gewwa s-socjeta’ Libyan Airlines. Huwa lill-attur jafu bhala businessman gewwa l-Libya. Jaf li l-attur kellu negozju ma’ Marc, gejjin u sejrin il-Libya. Il-generu tan-negozju huwa ma jafx fuqu u ma jidholx fit-tip ta’ negozju li kellhom bejniethom. Jaf li ghandhom negozju kbir ghaliex il-hin kollu gejjin u sejrin il-Libya. Jaf li skont ma qal l-attur, effettivament ma kienx qed jithallas ta’ dak li kien dovut lilu. Ix-xhud pero’ qatt ma kien involtu fin-negozjati u sema’ lis-Sur Marc jghid xi haga dwar dan id-debitu.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attur kif prezentata fl-atti nhar it-12 ta’ Frar 2013.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza u dan fis-seduta tat-8 ta’ Mejju 2013 u jawtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

Ikkunsidrat:

Illi f’din il-kawza in breve l-fatti huma li Khaled Shehata ghan-nom tas-socjeta’ attrici bl-isem KSD Limited, kif konfermat minn martu Anna Shehata, kellu ftehim mas-socjeta’ konvenuta RSW Project Limited fejn kien jipprovdilha servizz ta’ *translation*. Fil-fatt jghid li s-socjeta’ konvenuta baqghalha thallas lis-socjeta’ attrici s-somma mitluba fir-rikors promotur fl-ammont ta’ erbat elef, mija u tnejn u tletin ewro (€4,132). L-attur spjega illi huwa kien jikkomunika ma’ certu Marc Vermette fil-kapacita’ tieghu ta’ Contract Director and Operations Manager tas-socjeta’ konvenuta sabiex jithallas pero’ ricentement u b’mod partikolari ghall-ahhar invoice li kien ghadu *pending*, dan kien jghidlu li kienu qed jistennew xi hlas minn Nicaragua qabel ma jhallsuh.

Huwa pprezenta l-kuntratt tieghu esebit fl-atti a fol. 15 et seq imMarcat bhala Dok CSH 1. Minn ezami ta’ dan il-kuntratt jirrizulta li l-attur Khaled Shehata kien gie mpjegat

sabiex jaghti servizz ta' *translations* ghas-socjeta' konvenuta gewwa l-Libja dwar attivitajiet relatati direttament maghha. Illi fl-atti hemm ukoll esebit dokument li huwa mMarcat bhala Dok CSH li jindika l-Business Development Relationship li kien hemm bejn iz-zewg socjetajiet kontendenti liema dokument huwa iffirmat minn l-attur '*on behalf of KSD*' u mis-sur Marc Vermette ghan-nom tas-socjeta' konvenuta. Illi ma hemmx dubbju li l-attur Khaled Shehata in segwitu beda jaghti dan is-servizz ta' translations tant li sahansitra esebixxa fl-atti anke kopji tar-rittrati tan-nies li ghamillhom it-traduzzjoni tal-curriculum vitae taghhom, liema servizz ma giex kontestat jew addirittura kontradett mis-socjeta' konvenuta.

Fl-email datata 11 ta' Mejju 2010 l-istess Marc Vermette jindirizza l-email tieghu 'to the KSD team' u jibghat e-mail ohra nhar is-6 ta' April 2010 indirrizata lill-istess KSD team u jghid li '*we are meeting in our respective countries to answer your requests with regard to the relationship between KSD and RSW Project Services ltd.*' Jirrizulta minn ezami tal-emails esebiti li l-attur kien jiffirma f'ismu de proprio ghalkemm hemm korrispondenza li ghamlet referenza ghas-socjeta' RSW tant li fl-email datata 28 ta' Ottubru 2009 hemm indikat isem Khaled Shehata RSW email address. Jinghad ukoll li f'diversi emails wahda datata 21 ta' Gunju 2011 (esebita a fol. 72), ohra datata 10 ta' Gunju 2010 (esebita a fol. 74) u ohra datata 21 ta' Awwissu 2010 (fol. 75) u hafna ohrajn hemm indikat l-isem tas-socjeta' attrici taht l-isem ta' Khaled Shehata u lkoll jitkellmu dwar l-ammont li ghadu pendenti.

Fl-atti l-atturipprezenta wkoll diversi invoices mahruga f'isem is-socjeta' konvenuta RSW Trading Company limited (vide fol. CSH 4 et seq ) fejn hemm indikat diversi servizzi ta' translation li l-attur Khaled Shehata kien jaghti u jithallas taghhom.

Is-socjeta' konvenuta ma pprezentat l-ebda prova lanqas dokumentarja u strahet biss fuq il-provi migbura mis-socjeta' attrici.

Fid-dawl ta' dak li ghadu kif gie rapportat, in primis din il-Qorti sejra titratta t-tieni eccezzjoni, l-ewwel stante li jekk jirrizulta li verament is-socjeta' konvenuta ma kellhiex relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici allura l-Qorti ikollha tieqaf hawn u dan ghaliex jekk tillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju ma jkun baqa' hadd biex iwiegeb ghad-domandi attrici.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet '**<u>Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et'</u>** deciza nhar il-hamsa (5) t'Ottubru 2001 mill-Qorti tal-Appell dwar l-istitut tal-legittimu kontradittur. Dik il-Qorti sostniet li:-

*"Biex jigi stabbilit jekk parti in kawza kinitx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju, kinitx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

*Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan, naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi li l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti, kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza.*

*Id-dikjarazzjoni tal-Qorti li parti 'n kawza tkun legittimu kontradittur lanqas ma kienet tfisser li l-Qorti ma setghetx, fil-konsiderazzjoni tal-eccezzjonijiet opposti ghat-talbiet,*

*tasal ghall-konkluzzjoni li l-konvenut - dikjarat prima facie legittimu kontradittur- kien wara t-trattazzjoni tal-kawza jirrizulta ghal kollox estranju ghar-responsabilitajiet lilu addebitati mill-attur fl-azzjoni minnu tentata”.*

Illi f’dan il-kaz jirrizulta li verament Khaled Shehata kien iffirma l-kuntratt tieghu mas-socjeta’ konvenuta fil-vesti tieghu personali pero’ s-socjeta’ konvenuta kienet taf li qed jagixxi fl-interess ta’ socjeta’ u dan ghaliex kemm-il darba l-istess attur Khaled Shehata baghat emails u taht ismu ffirma isem is-socjeta’ attrici kif del resto jirrizulta mill-emails fuq indikati. Is-socjeta’ konvenuta qatt ma dehret hosbiena li ma kinitx taf ma’ min kienet qed tittratta u dan ghaliex ma hemm l-ebda email fl-atti mahruga mis-socjeta’ konvenuta fejn talbet xi kjarifika dwar isem is-socjeta’ attrici fuq diversi emails, lanqas b’mod remot.

L-attur fix-xhieda tieghu jghid li huwa kien qed jopera bhala Direttur tas-socjeta’ attrici u dwar dan ma giex kontradett minn hadd u lanqas filfatt ma’ sar xi kontro-ezami tieghu f’dan ir-rigward. Huwa spjega x’relazzjoni kellu mas-socjeta’ konvenuta.

Ma hemmx dubbju li mill-provi prodotti, is-socjeta’ konvenuta mhix estraneja ghas-socjeta’ attrici w ghalhekk zgur li l-eccezzjoni taghha li mhix il-legittimu kontradittur, ghandha tigi michuda.

Dwar it-tieni eccezzjoni u cioe’ dik ta’ preskrizzjoni, s-socjeta’ konvenuta ticcita l-**Artikolu 2148 (a) tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta’ Malta.

Kif intqal fis-sentenza moghtija fit-30 ta’ Ottubru 2010 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet ‘**Stencil Pave (Malta) Limited vs Kunsill Lokali Naxxar’** gie ritenut li:-

*“Hija regola ewlenija fil-procedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni, u ghalkemm il-parti attrici tista' tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mharrka billi tmieri li ghadda z-zmien jew billi ggib 'il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiza jew interrotta, il-piz jaqa' principalment fuq*

*min jallega l-preskrizzjoni. Hi l-parti mharrka li trid tipprova li l-parti attrici ghaddhielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza, u dan minn zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq;*

*Nghad ukoll li z-zmien tal-preskrizzjoni jrid jitqies b'riferenza ghall-azzjoni kif imfassla”.*

L-avukat difensur tas-socjeta’ attrici fit-trattazzjoni taghha sostniet li s-servizz moghti mill-attur kien wiehed professjonali u ghalhekk semmai jaqa’ bi preskrizzjoni bl-A**rtikolu 2149 (a) tal-Kap 16** tal-Ligjiet ta’ Malta u mhux bil-preskrizzjoni taht l-**Atikolu 2148 (a) tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta’ Malta kif indikat mis-socjeta’ konvenuta.

**L-Artikolu 2148 tal-Kap 16** jghid liema azzjonijiet jaqghu bi preskrizzjoni ta` tmintax (18)–il xahar, fosthom hemm is-**subinciz (a)** li jaqra hekk - *l-azzjonijiet tal-hajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentieri, arluggara, u ta’ persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta’ l-opri jew tax-xogholijiet taghhom, jew tal-materja li jfornu ....’.*

Id-dispozizzjoni tal-ligi kontenuta fl-ittra **(a)** tal-imsemmi artikolu tal-Kodici Civili tirreferixxi ruhha ghal-lokazzjoni ta’ opera, li biha l-persuni fuq enumerati jkunu obbligaw ruhhom li jaghtu x-xoghol taghhom. **L-Artikolu 2148(a)** jirreferixxi ghalhekk ghall-krediti tal-artefici li jipprestaw l-opera taghhom.

Huwa pacifiku illi meta tigi sollevata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni l-attur-kreditur ghandu ghad-disposizzjoni tieghu diversi ghazliet possibbli biex jikkombattiha. Ad exemplum kif inghad fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell Civil Sede Inferjuri fl-ismijiet **Austin Psaila Vs Lother Slabick** deciza fid-9 ta’ Frar 2005 fejn inghad li:

*(1) L-inapplikabilita` ghal meritu tal-kaz tal-preskrizzjoni specifika.*

*Dan qed jinghad ghaliex filwaqt li s-socjeta’ konvenuta qed teccepixxi l-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2148(a)*

*tal-Kap 16. Is-socjeta' attrici tikkontendendi li semmai huwa l-Artikolu 2149 (a) tal-Kap 16 li japplika. Il-Qorti ma tistax, lanqas jekk trid, tissuplixxi ghan-nuqqas ta' difiza adegwata ta' xi parti. Dan anke ghaliex, f'materja ta' preskrizzjoni, il-Qorti ma tistax marte proprio tindahal fid-difiza tal-parti u tissuggerixxi x'messha kienet il-preskrizzjoni applikabbli ghall-fattispeci tal-kaz;*

*(2)Is-sospensjoni;*

*(3) l-interruzzjoni, jew billi s-socjeta' attrici tiddemostra dan permezz ta' xi att gudizzjarju (Artikolu 2128, Kodici Civili) jew billi turi ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti illi b'certa attitudni taghha s-socjeta' konvenuta debitrici qieghdet lilha nnifsha f'sitwazzjoni li trendi inkompatibbli l-posizzjoni guridika taghha mal-presunzjoni kostitwenti l-bazi tal-preskrizzjoni. F'dan il-kuntest huma annoverati s-sitwazzjonijiet prevvisti mil-**Artikoli 2133 u 2134** tal-Kodici Civili;*

*Issa r-rikonoxximent stabbilit mill-precitat **Artikolu 2133** jestrinsika ruhu jew permezz ta' xi dikjarazzjoni esplicita jew bi kwalsiasi fatt iehor li jimplika l-ammissjoni ta' l-ezistenza tad-dritt. Ad exemplum, il-weghda tal-hlas, talba ghad-dilazzjoni tal-pagament, il-hlas akkont (Artikolu 2134), l-annotazzjoni tad-debitu f' denunzja tas-successjoni jew f' forma ta' entrata fl-accounts;*

*Jinsab precizat ukoll, kemm fid-duttrina legali, kif ukoll fil-gurisprudenza, illi dan ir-rikonoxximent tad-dritt ghal fini ta' l-interuzzjoni tal-preskrizzjoni hu konfigurabbli fir-rekwiziti tal-volontarjeta`, tal-konsapevolezza, ta' l-inekwivocita`, dejjem b' mod esterjorizzat. Rekwiziti dawn li hu necessarju li jikkoezistu flimkien fl-istess att;*

*Jibqa' dejjem imperattiv illi l-prova dwar dawn l-istess rekwiziti trid issir mill-attur billi huwa dan li jkun qed jikkontrasta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-kontroparti. Zgur li mhux mistenni li din il-prova ssir mill-Qorti jew mit-Tribunal li, anzi, ghandu l-kompitu li jiddeciedi "iuxta allegata et probata". Tajjeb li hawn jigi mfakkar illi, kif drabi ohra deciz, "jekk dwar din l-interruzzjoni hemm*

*konflitt ta' provi, allura l-konsegwenza m' hijiex li ghandha tigi michuda l-preskrizzjoni, imma dik kuntrarja, li ghandha tigi akkolta, peress li l-posizzjoni guridika tkun li mentri jkun fatt li ghadda t-terminu tal-preskrizzjoni, jkun ugwalment fatt illi l-attur ma ssodisfax lill-Qorti li kien hemm interruzzjoni."* Ghaldaqstant dak li hu mportanti hu li r-rikonoxximent allegat mill-attur ikun car u esplicitu.

M’hemmx dubbju li l-accertament ta' l-ezistenza, jew le, ta' atti validament interruttivi tal-preskrizzjoni eccepita, jikkostitwixxi indagini ta' fatt rizervat ghall-apprezzament tal-Qorti.

Bhala fatt jirrizulta mill-provi prodotti mis-socjeta’ stess u dan ghaliex ghalkemm is-socjeta’ konvenuta qajmet din l-eccezzjoni ma resqet l-ebda prova sabiex tissostanzja tali eccezzjoni u strahet biss fuq il-provi prodotti mis-socjeta’ attrici. Jirrizulta mid-dokument esebit mar-rikors promotur li huwa *pending invoice* li s-socjeta’ attrici kienet qed titlob il-hlas minghand is-socjeta’ konvenuta fl-ammont ta’ erbat elef, mija u tnejn u tletin ewro (€4,132) ghas-servizz ta’ traduzzjoni moghtija lilha. Naturalment ghal servizz moghti antecidenti ghall-hrug ta’ din l-invoice.  Illi mill-provi prodotti ma jirrizultax meta effettivament inghata dan is-servizz bi precizjoni.

Jirrizulta zgur pero’ minn ezami tal-kopji tal-emails li gew skambjati bejn l-attur u Marc Vermette li effettivament verament is-socjeta’ konvenuta gharfet li ghandha thallas lill-attur tant li fl-email datata 24 ta’ Gunju 2010 dan Vermette jghid ex-admisses “*With regards to the bill they block. You are missing some charges of the May mission which I will add.*” In oltre mix-xhieda ta’ mart l-attur Anna Shehata hija tghid li semghet lil Marc Vermette jammetti li s-socjeta’ konvenuta hija debitrici tas-socjeta’ attrici izda xtaq li jinghata zmien sabiex ihallas.

Ghalhekk li hu zgur hu li f’Gunju 2010 is-socjeta’ konvenuta tramite r-rapprezentant taghha Marc Vermette gharfet li hija debitrici tas-socjeta’ attrici. Illi s-socjeta’ attrici pprezentat ir-rikors taghha fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta nhar it-3 ta’ Marzu 2011 u ghalhekk fi zmien

inqas minn sena meta d-debitu gie rikonoxxut. Ghalhekk jirrizulta ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-azzjoni odjerna giet istitwita qabel il-perjodu  ta' tmintax-il xahar preskritt mil-Ligi fl-Artikolu 2148(a) tal-Kap 16  tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar it-tielet eccezzjoni u cioe' li s-socjeta' konvenuta tinsab aggornata *in toto* dwar il-hlasijiet minnha dovuta lis-socjeta' attrici ghax-xoghol debitament esegwit mis-socjeta' attrici jinghad li s-socjeta' konvenuta ma pprezentat l-ebda ricevuta dwar l-allegat hlas li sar sabiex jinghad li hija halset *in toto* l-kontijiet taghha. Jirrizulta biss dak li qalet is-socjeta' attrici tramite x-xhud taghha Khaled Shehata li hija tat servizz ta' traduzzjoni lis-socjeta' konvenuta u ghadha ma thallsitx. Din ix-xhieda ma gietx kontradetta minn l-ebda prova la viva voce u lanqas dokumentarja u ghalhekk qieghda tigi respinta wkoll.

**Ghaldaqstant, din il-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha sollevati mis-socjeta' konvenuta, qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma mitluba fir-rikors promotur fl-ammont ta' erbat elef, mija u tnejn u tletin ewro (€4,132).**

**Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta u l-imghax ghandu jibda jiddekorri mid-data ta' meta r-rikors promotur gie notifikat lis-socjeta' konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------